

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tal-14 ta' Settembru 2010 — AE vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-79/09)

(Servizz pubbliku — Ufficijali — Sigurtà soċjali — Assigurazzjoni għall-inċidenti u għall-mard ikkaġunat mix-xogħol — Artikolu 73 tar-Regolamenti tal-Persunal — Riffut li tiġi rikonoxxuta l-oriġini professjonal ta' marda — Sensittività eċċessiva għall-kampi elettromanjeti)

(2010/C 317/84)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: AE (Muchamiel, Spanja) (rappreżentanti: L. Levi u M. Vandenbussche, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: rappreżentat inizjalment minn J. Currall u D. Martin, aġenti, susseguwentement minn J. Currall u J. Baquero Cruz, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament, minn naħa, tad-deċiżjoni tal-Awtoritāt tal-Ħatra tal-15 ta' Diċembru 2008, li waslet fis-16 ta' Jannar 2009, li tiċħad it-talba tar-rikorrent għar-rikonoxximent bħala marda minn fuq il-post tax-xogħol fis-sens tal-Artikolu 73 tar-Regolamenti tal-Persunal, tal-kundizzjoni li jebti minnha u, minna ħa l-oħra, sa fejn hu meħtieġ, talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-11 ta' Ġunju 2009 li tiċħad l-ilment tar-rikorrent. Talba għall-ħlas ta' EUR 12 000 bħala kumpens għad-danni morali subiti.

**Dispożittiv**

- (1) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata tħallas lill-AE s-somma ta' EUR 2 000.
- (2) Il-kumplament tat-talbiet tar-rikors huwa miċħud.
- (3) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata tħalli, minbarra l-ispejjeż tagħha, kwart tal-ispejjeż tar-rikorrent.
- (4) Ir-rikorrent għandu jebti tliet kwarti tal-ispejjeż tiegħu.

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-14 ta' Settembru 2010 — Rossi Ferreras vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-85/09) <sup>(1)</sup>

(“Servizz pubbliku — Ufficijali — Proċedura ta’ evalwazzjoni 2001/2002 — Rapport tal-iżvilupp tal-karriera — Eżekuzzjoni ta’ sentenza ta’ annullament — Konsegwenzi tal-irtrar ta’ att — Iffissar ta’ għanijiet”)

(2010/C 317/85)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: Francisco Rossi Ferreras (Lussemburgu, il-Lussemburgo) (rappreżentant: F. Frabetti, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Bercheid u C. Berardis-Kayser, aġenti)

**Suġġett tal-kawża**

Talba għal annullament tar-rapport tal-iżvilupp tal-karriera tar-rikorrent għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2001 sal-31 ta' Diċembru 2002.

**Dispożittiv tas-sentenza**

- (1) Ir-rikors ta' F. Rossi Ferreras huwa miċħud.
- (2) F. Rossi Ferreras huwa kkundannat għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 312, 19.12.2009, p. 45.

**Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tas-6 ta' Ottubru 2010 — Marcuccio vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-2/10) <sup>(1)</sup>

(Servizz pubbliku — Ufficijali — Sigurtà soċjali — Assigurazzjoni għall-mard — Talbiet għar-imbors ta’ spejjeż medċi — Nuqqas ta’ att li jikkawża preġġidizzju — Rikors manifestament inammissibbi u manifestament infondat fid-dritt — Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura)

(2010/C 317/86)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Partijiet**

Rikorrent: Luigi Marcuccio (Tricase, l-Italja) (rappreżentant: G. Cipressa, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u C. Berardis-Kayser, aġenti, assistiti minn A. Dal Ferro, avukat)

**Suġġett**

Annullament tad-deċiżjoni li tirrifjuta li jiġu koperti 100 % tal-ispejjeż mediċi tar-rikorrenti.

**Dispożittiv**

(1) Ir-rikors ta' L. Marcuccio huwa miċħud bħala parjalment manifestament inammissibbli u parjalment manifestament infondat.

(2) L. Marcuccio huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(3) L. Marcuccio huwa kkundannat jirimborsa lit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku s-somma ta' EUR 1 500.

<sup>(1)</sup> ĠU C 63, 13.03.2010, p. 53.

**Rikors ippreżentat fit-2 ta' Settembru 2010 — da Silva Tenreiro vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-72/10)

(2010/C 317/88)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: Mario Paulo da Silva Tenreiro (Kraainem, il-Belġju) (rappreżentanti: S. Orlandi, A. Coolen, J.-N. Louis, E. Marchal, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

**Suġġett**

Minn naħa, l-annullament tad-deċiżjoni li tiċħad il-kandidatura tar-rikorrent sabiex timtela' l-pożizzjoni ta' direttur tad-Direttorat E "Għustizzja" tad-DG "Għustizzja, Libertà u Sigurtà", kif ukoll id-deċiżjoni ta' ħatra tad-direttur il-ġdid. Min-naħħa l-oħra, l-annullament tad-deċiżjoni li tingħalaq il-proċedura sabiex timtela' l-pożizzjoni ta' direttur tad-DG JLS.F "Sigurtà" kif ukoll id-deċiżjoni ta' ħatra tad-direttur il-ġdid.

**Talbiet tar-rikorrent**

- Tannulla d-deċiżjoni li tiċħad il-kandidatura tar-rikorrent sabiex timtela' l-pożizzjoni ta' direttur tad-Direttorat E "Għustizzja" tad-DG "Għusizzja, Libertà u Sigurtà" kif ukoll id-deċiżjoni ta' ħatra tad-direttur il-ġdid;
- tannulla d-deċiżjoni li tingħalaq il-proċedura sabiex timtela' l-pożizzjoni ta' direttur tad-DG JLS.F "Sigurtà" kif ukoll id-deċiżjoni ta' ħatra tad-direttur il-ġdid;
- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

**Rikors ippreżentat fit-30 ta' Awwissu 2010 — Cantisani vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-71/10)

(2010/C 317/87)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrenti: Nicola Cantisani (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: S. De Lannoy, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

**Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża**

Annnullament tad-deċiżjoni tal-konvenuta li tiċħad it-talba għal assistenza mressqa mir-rikorrenti fir-rigward tal-fastidju psikoloġiku u talba għall-kumpens għad-dannu subit.

**Talbiet tar-rikorrenti**

- tannulla d-deċiżjoni tad-Direttur tad-Direttorat Ġenerali tal-Persunal u Amministrazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Ottubru 2009 (ADMIN.B2/JJ/jm 0(09)) li permezz tagħha l-amministrazzjoni qieset li ma kellhiex tkompli tipproċessa t-talba għal assistenza mressqa mir-rikorrenti quddiem il-Kummissjoni fid-29 ta' Jannar 2009;
- tikkumpensa lir-rikorrenti għad-danni materjali u morali subiti minħabba atti ta' fastidju;
- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

**Rikors ippreżentat fl-24 ta' Settembru 2010 — Dubus vs Il-Parlament**

(Kawża F-86/10)

(2010/C 317/89)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: Charles Dubus (Tervuren, il-Belġju) (rappreżentanti: E. Boigelot u S. Woog, avukati)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

**Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża**

L-annullament tad-deċiżjoni tal-konvenut li r-rikorrent ma jiġix inkluż fil-lista ta' uffiċjali promossi mill-grad AST3 għall-grad AST4 fil-proċedura ta' promozzjoni 2009.